Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **61**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar It-Tnejn is-27 ta' April, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| L-Imdina: | Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph De Bono |
| Ħal Kirkop: | Is-Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit |
| L-Imqabba | Is-Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Il-Qrendi: | Il-Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħal Safi | Is-Sindku is-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Is-Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħad-Dingli: | Is-Sindku is-Sur Raymond Schembri |
| Rabat: | Is-Sindku s-Sur Sandro Craus |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija.

**61.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

61.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku Ħaż-Żebbuġ is-Sur Steve Zammit Lupi, s-Sindku tas-Siġġiewi s-Sur Julian Borg, is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri u s-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.

**61.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 60;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 60 li saret nhar is-26 ta' Marzu 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

61.03.01

**61.04 Kommunikazzjoni mill-President**

61.04.01 Nhar is-27.03.26 il-Maniġer tal-Fondi lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali sabiex jgħaddu l-feedback rigward id-disinn tal-istickers għall- proġett Darba Waħda fil-Villaġġ.

61.04.02 Nhar is-27.03.26 id-Direttur Galea infurmana dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli Reġjonali 2026 - Punent - It-Tieni Kwart.

61.04.03 Nhar it-27.03.26 irċivejna tfakkira rigward Cir AKL 2026/010_Bridges of Trust: Laqgħa Online.

61.04.04 Nhar is-27.03.26 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtulna holoq li jridu jiġu mimlija mill-membri eletti, staff tal-kunsill kif ukoll mir-residenti.

61.04.05 Nhar it-28.03.26 sar il-futbol turnament ġewwa l-Imqabba.

61.04.06 Nhar it-30.03.26 irċivejna mis-Segretarju Eżekuttiv tas-Siġġiewi press release rigward il-Mixgħela 2026.

61.04.07 Nhar it-30.03.26 infurmajna li ser issiru 2 korsijiet tal-food handling f'Mejju u Ġunju. Dawk interessati għandhom jibgħatu konferma ta' min ser jattendi sabiex issiru l-arranġamenti neċessarji.

61.04.08 Nhar it-30.03.26 irċivejna it-tieni allokazzjoni għat-tieni kwart tas-sena.

61.04.09 Nhar il-31.03.26 irċivejna mill-Ewropa Kreattiva li ser ikunu Għawdex nhar is-17.04.26 u it18.04.26 sabiex jiltaqgħu ma' residenti, NGO's u organizzazjonijiet li mħajjrin japplikaw għal fondi ta' proġetti kulturali.

61.04.10 Nhar l-01.04.26 irċivejna mis-sur Stedall li ser ikun qed jahdem fuq is-sensila ta' kotba li ser iħarsu lejn l-istorja tal-industrija tal-karozzi tal-linja. L-Ewwel ktieb se jkun qed jħares lejn ir-rotta oranġjo l-qadima – iż-Żurrieq, Ħal Kirkop, Ħal Safi,il-Qrendi, l-

Imqabba u Ħal Luqa. It-tieni ktieb se jħares lejn ir-rotta blu skura – ir-Rabat, Ħad Dingli u l-Imtarfa. It-tielet ktieb se jħares lejn ir-rotot sofor ta' Ħaż-Żebbuġ u Siġġiewi, b'data inizjali fil-mira għall-pubblikazzjoni ta' tmiem Mejju 2027, Novembru 2028 u Novembru 2029 rispettivament.

61.04.11 Nhar l-01.04.26 irċivejna l-approvazzjoni mis-Segretarju Permanenti fir-rigward tal-addendum għat-tender CT2136/2022, fuq ir-ripetizzjoni tas-servizz tal-ġbir addizzjonali. Din l-approvazzjoni għaddiet għand id-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni tagħhom.

61.04.12 Nhar l-01.04.26 il-Maniġer tal-proġetti informa lill-Kunsilli Lokali dwar komunikat mibgħut mid-DLG rigward l-andament tax-xogħlijiet fil-latrini rispettivi. Talab sabiex il-kunsilli ikkonċernati jibgħatu l-progress li sar u f'liema stadju wasal ix-xogħol.

61.04.13 Nhar l-01.04.26 irċivejna stedina mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti għat-tnedija tal-istrateġija 2030.

61.04.14 Nhar l-01.04.26 irċivejna tfakkira dwar il-pjan ta' ġestjoni tal-konservazzjoni għall-Victoria Lines sabiex naqsmu osservazzjonijiet, kummenti jew rakkomandazzjonijiet.

61.04.15 Nhar it-02.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/027_PROSPECT First call for applications is now open! Capacity building programme iddisinjat biex joffri sapport lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-finanzjament u l-implimentar ta' proġetti dwar l-enerġija sostenibbli u dwar il-klima billi jużaw skemi innovattivi ta' finanzjament u strutturi ta' sostenn.

61.04.16 Nhar is-06.04.26 staqsejna lis-Sindki kif ukoll Segretarji Eżekuttivi sabiex jinfurmawna dwar id-data ta' Jum il-Lokalità.

61.04.17 Nhar is-06.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/028_Sejħa għall-Interess – Parteċipazzjoni fil-Proġett Ewropew COHERIT (CERV Programme 2026). Dan il-proġett qed jinvolvi konsorzju ta' msieħba minn diversi pajjiżi Ewropej, fosthom Malta, Spanja, Portugal, Italja u Greċja, li qed jaħdmu flimkien sabiex jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini, il-ħarsien tal-wirt kulturali ħaj, u l-bini ta' komunitajiet aktar reżiljenti quddiem sfidi ambjentali u klimatiċi.

61.04.18 Nhar is-06.04.26 il-Maniġer tal-iskart informa lill-kuntrattur rigward it-tranżazzjonijiet tax-xahar ta' Jannar 2026.

61.04.19 Nhar is-06.04.26 irċivejna li s-sejħa għal peer reviewers taħt l-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI) hija miftuħa sat-22 ta' April 2026. Dawn jistgħu jirrappreżentaw kwalunkwe awtorità urbana tal-UE u għandu jkollhom esperjenza rilevanti fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati u bbażati fuq il-post.

61.04.20 Nhar is-06.04.26 il-Maniġer tal-Iskart informa lill-kuntrattur rigward it-tranżazzjonijiet tax-xahar ta' Frar 2026.

61.04.21 Nhar is-06.04.26 bagħtna il-Letter of Intent għal parteċipazzjoni fil-COHERIT project.

61.04.22 Nhar is-07.04.26 ġejna mitluba nagħtu l-lista tal-hotspots għax-xahar ta' April.

61.04.23 Nhar is-07.04.26 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet lis-Sa Pisani għall-laqgħa bi preparazzjoni għar-Reġjun tal-Kultura 2027.

61.04.24 Nhar is-07.04.26 irċivejna PQ578 - Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali – Defibrillators.

L-ONOR Graziella Attard Previ staqsiet lill-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm defibrillators fil-binja ta' kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu?

Nhar is-07.04.26 is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li r-Regjun għandu defibrillator wieħed fil-binja tiegħu u għadu kemm xtara wieħed lil kull Kunsill Lokali fi ħdanu.

61.04.25 Nhar is-07.04.26 irċivejna mid-Dipartimenti tal-Kuntratti dwar il-Pjan Annwali tal-Akkwist (APP). Minħabba problema fis-sistema li rriżultat fit-tħassir tad-dejta li ddaħħlet qabel, intbagħtet it-tieni notifika manwali fit-18 ta' Marzu li b'hekk tat struzzjonijiet lill-Awtoritajiet Kontraenti biex jissottomettu/jerġgħu jissottomettu l-APP obbligatorju.

61.04.26 Nhar is-07.04.26 irċivejna mill-ERA li se tkun qed torganizza avveniment pubbliku fi Spencer Garden fil-Marsa biċ-ċelebrazzjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tagħhom fid-19.04.2026.

61.04.27 Nhar is-07.04.26 irċivejna mill-Active Ageing Unit sabiex nikkonfermaw il-proposta ta' sessjonijiet tal-arti fiċ-Ċentri ta' matul tal-Anzjani . Din l-ispiża se tiġi ffinanzjata bin-nofs bejn AACC u Reġjun Punent.

61.04.28 Nhar is-07.04.26 il-Maniġer tal-iskart wieġeb u ikkjarifka mad-Dipartiment tal-kuntratti il-mistoqsijiet dwar it-talba tal-Kunsill Reġjonali tal-Punent għat-tiġdid ta' servizzi addizzjonali ta' ġbir ta' skart taħt it-Tender CT 2136/2022.

61.04.29 Nhar it-08.04.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-MFWS li l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fil-proġett tagħna Darba Waħda fil-Villaġġ għalqu. Infurmat li irċevejna total ta' 83 reġistrazzjoni, imqassma fil-lokalitajiet tagħna. Talbet assistenza sabiex jintlaħqu 3 lokalitajiet permezz tal-Kunsill Lokali tat-

61.04.30 Nhar it-08.04.26 irċivejna dwar proġett propost taħt Creative Europe bl-isem Invisible Europe li għandu l-għan li jittrasforma narrattivi kulturali injorati jew inviżibbli f'xogħlijiet artistiċi kontemporanji li jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Ewropa.

61.04.31 Nhar it-08.04.26 irċivejna tfakkira li d-data tal-għeluq SPI/SCI/01/2026-Kultura 2026 hi nhar it-Tlieta 14.04.26.

61.04.32 Nhar it-08.04.26 irċivejna Press Release mill-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali dwar it-tnedija tal-Istrateġija 2030 tal-Kunsill Malti għall-Arti

61.04.33 Nhar id-09.04.26 ġejna infurmati li t-talba għas-servizz addizzjonali ġiet ippreżentata fil-laqgħa tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti li saret fis-7 ta' April 2026 u ġiet approvata.

61.04.34 Nhar id-09.04.26 il-Maniġer tal-Ambjent informa lill-Kunsili Lokali li r-Reġjun ser jerġa jirrepeti ir-risk assessments tal-ispazji pubbliċi u l-playgrounds. Huwa talab biex jibgħatulna siti ġodda jew esklussjonijiet sat-30.04.26.

61.04.35 Nhar id-09.04.26 il-President ġie mistieden għal Credentials lunch mill-Preseident H.E Myriam Spiteri Debono.

61.04.36 Nhar id-09.04.26 irċivejna stedina għal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kunsill Reġjonali Lvant.

61.04.37 Nhar l-10.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/029_Invitation to the European Social Services Conference (ESSC) in Malta.

61.04.38 Nhar l-10.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/023_ALDA General Assembly 2026. Il-programm ta' dawn it-tlett ijiem jinkludi workshops interattivi, attivitajiet ta' taħriġ, workshops dwar l-iddisinjar ta'proġetti, kif ukoll ħarġiet li jitrattaw it-tema ta' din is-sena li hija Local Democracy that Delivers.

61.04.39 Nhar l-10.04.26 irċivejna stedina sabiex nattendu għal Malta Waste Reduction Awards li ser issir nhar it-22.04.2026.

61.04.40 Nhar it-12.04.2026 sar il-futbol turnament ġewwa l-Qrendi.

61.04.41 Nhar it-13.04.26 il-Maniġer tal-Ambjent infurma lill-Kunsilli Lokali dwar opportunità ta' kollaborazzjoni ma' Sharklab Malta.

61.04.42 Nhar it-13.04.26 is-**S**egretarju Eżekuttiv tal-AKL infurmatna dwar servizz li bħalissa qed jiġi offrut bil-għan li jappoġġja l-komunitajiet lokali u jtejjeb l-aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg fil-livell tal-lokalità.

61.04.43 Nhar l-14.04.26 ircivejna Cir AKL 2026/030_OHSA Training Sessions for Local Councils.

61.04.44 Nhar l-14.04.26 irċivejna stedina sabiex nipparteċipaw fil-programm ta' taħriġ taħt it-"Tagħlim Tul il-Ħajja bħala Ċavetta għal Governanza Aħjar fil-Livelli Reġjonali u Lokali", imniedi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. il-programm huwa mfassal biex isaħħaħ il-kapaċitajiet ta' governanza billi jippromwovi kultura ta' tagħlim kontinwu fost il-partijiet interessati reġjonali u lokali. Se jipprovdi għarfien prattiku, għodod u strateġiji biex irawwem l-innovazzjoni, it-trasparenza u l-involviment taċ-ċittadini fl-amministrazzjoni pubblika.

61.04.45 Nhar l-14.04.26 is-Segretarju Eżekuttiv tablet lill-MTA issotomettiet formalment il-proposta għal finanzjament ta' proġett li jikkonċerna l-pubblikazzjoni ta' ktieb iffukat fuq in-niċeċ reliġjużi li jinsabu fir-Reġjun tal-Punent ta' Malta, suġġett li għandu valur kulturali u amministrattiv sinifikanti.

61.04.46 Nhar il-15.04.26 irċivejna kuntratt draft tal-Art for Active Ageing.

61.04.47 Nhar il-15.04.26 irċivejna stedina formali għall-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar il-Victoria Lines u l-inħawi tagħha. F'din il-laqgħa ġie preżentat l-iskop, l-oġġettiv u is-sejbiet li saru mill-Conservation Management Plan sal-llum. Għal din il-laqgħa attenda il-Maniġer tal-Ambjent.

61.04.48 Nhar is-16.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/031_You Matter - Thriving Under Pressure_08.05.2026.

61.04.49 Nhar is-16.04.26 irċivejna l-aġenda aġġornata għall-Avveniment Nazzjonali tal-Patt Klimatiku tal-UE. L-avveniment se jkopri firxa ta' suġġetti relatati mal-azzjoni klimatika, ippreżentati mill-Ambaxxaturi tal-Patt Klimatiku u s-Sieħeb għal Malta.

61.04.50 Nhar is-16.04.26 irċivejna li l-pjattaforma ta' EloGe Malta tinsab live fuq il-ħolqa https://isig.it/eloge-malta-counter/?lang=en

61.04.51 Nhar is-16.04.26 intbagħtet email sabiex infakkru dwar il-proġett Darba Waħda fil-Villaġġ u infurmajna lill-ġenituri biex min għadu ma kkonfermax l-attendenza jagħtina risposta. Intbagħtet ukoll il-formola ta' kunsens li għanda tiġi iffirmata mill-ġenituri/kuraturi tal-parteċipanti.

61.04.52 Nhar is-16.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/032_Information on Evening Master Course - relating to Maltese Cultural Studies: Master in Maltese Studies.

61.04.53 Nhar is-16.04.26 irċivejna mis-Sa Bellia mill-MTA l-approvazzjoni ta' Eur10,000 inkluż vat (jekk applikabbli) bħala sponsor għall-ktieb dwar in-niċeċ tar-Reġjun Punent.

61.04.54 Nhar is-16.04.26 irċivejna mis-Sur Borg linji gwida li għandhom jintużaw bħala rikonoxximent għall-isponsorship mill-MTA fil-ktieb dwar in-niċeċ tar-Reġjun.

61.04.55 Nhar is-17.04.26 irċivejna mingħand Miema illi l-imseħbin tagħhom Nature Trust b'kollaborazzjoni mal-Patt Klimatiku Ewropew, se jorganizzaw mixja dwar il-klima f'Ċirkewwa bħala attività ta' involviment taċ-ċittadini nhar it-18.04.26. Il-mixja se tibda minn Paradise Bay, tgħaddi mill-park tul il-kosta sat-Torri l-Aħmar. L-attività kienet iggwidata minn NatureTrust li se spjegaw l-karatteristiċi u l-pajsaġġ matul il-mixja.

61.04.56 Nhar is-17.04.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet lis-Sur Rennie Vella li r-Reġjun Punent jixtieq jirregala l-logħba tal-BuzzBee lil Puttinu Cares sabiex tkun tista titgawda mit-tfal li jinsabu rikoverati f'Rainbow Ward.

61.04.57 Nhar is-17.04.26 irċivejna stedina għal l-EUI u s-Sessjoni ta' Informazzjoni tal-URBACT Business Breakfast li ser isir nhar is-07.05.2026.L-avveniment se jipprovdi informazzjoni siewja dwar l-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI) u l-Programmi URBACT, b'enfasi partikolari fuq:

• is-sejħa għall-iskambju bejn l-ibliet li bħalissa hija miftuħa
• is-sejħa għal azzjoni innovattiva 4, imnedija fil-25 ta' Frar 2026 u li tagħlaq fil-15 ta' Ġunju 2026; u
• is-sejħa kontinwa għal Netwerks ta' Azzjoni, imnedija fis-17 ta' Marzu 2026 u li tagħlaq fis-17 ta' Ġunju 2026.
Din ser issir nhar is-07.05.2026.

61.04.58 Nhar is-17.04.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet il-programm bl-attivitajiet li ser issiru ġewwa is-Siġġiewi, fl-ewwel attività ta' Darba Waħda fil-Villaġġ.

61.04.59 Nhar is-17.04.2026 saret laqgħa ġewwa l-AKL dwar proposti għat-tender il-ġdid tal-ġbir tal-iskart domestiku. Għaliha attenda il-Maniġer tal-iskart.

61.04.60 Nhar it-18.04.26 saret l-ewwel attività tal-proġett Darba Waħda fil-Villaġġ ġewwa is-Siġġiewi.
Dan seħħ b' kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u bil-għajnuna tal-impjegati tal-MFWS u l-Kunsill Reġjonali tat-tfal.

61.04.61 Nhar l-20.04.26 Id-Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, nediet sejħa għal applikazzjonijiet taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) 2021-2027.

61.04.62 Nhar l-21.04.26 irċivejna it-tieni edizzjoni tal-Urban Newsletter għall-2026, li tipprovdi aġġornamenti dwar opportunitajiet, sejħiet għal finanzjament, u avvenimenti li ġejjin taħt l-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI) u URBACT.

61.04.63 Nhar il-21.04.26 irċivejna l-Addendum 5 to Contract Agreement for Household Waste Collection Services iffirmat mid-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti.

61.04.64 Nhar il-21.04.2026 saret il-preżentazzjoni tal-logħba Buzz Bee lill-iskola primarja tal-Qrendi u lill-St.Paul's Missionary College ġewwa ir-Rabat.

61.04.65 Nhar it-22.04.26 il-Maniġer tal-Ambjent stieden lill-Kunsilli Lokali tal-Imqabba, Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Qrendi għall-laqgħa sabiex tiġi diskussa kollaborazzjoni ma Rota.mt biex tiġi żgurata u sostnuta r-rotta EuroVelo.

61.04.66 Nhar it-22.04.26 saru il-Malta Waste Reduction Awards. Għat-tielet sena konsekuttiva ir-Reġjun Punent reġa rebaħ il-premju ta' Best Performing Region għas-sena 2025.

61.04.67 Nhar it-23.04.26 il-Maniġer tal-fondi lokali Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) ser torganizza taħriġ fuq Effective Communication, Messaging and Writing kif ukoll Risk Management in Projects.

61.04.68 Nhar it-23.04.26 irċivejna mid-DLG dwar kwistjoni identifikata waqt verifiki ta' konformità reċenti tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar. Skont iċ-Ċirkulari MF Nru. 5/2002, kif aġġornata sussegwentement miċ-Ċirkulari MFEI Nru. 7/2011 u estiża għall-Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku permezz taċ-Ċirkulari MFEI Nru. 2/2012, id-Dipartimenti u l-Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku huma meħtieġa jissottomettu, kull tliet xhur, dettalji tal-fornituri li ma jħallsux obbligi lid-Dipartiment tal-VAT.

61.04.69 Nhar l-24.04.2026 saret lejla t'apprezzament għal ħaddiema kollha, organizzata mid-DLG, ġewwa Villa Bighi fil-Kalkara.

61.04.70 Nhar il-25.04.2026 sar il-futbol turnament ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

61.04.71 Nhar is-26.04.2026 sar il-futbol turnament ġewwa iż-Żurrieq.

61.04.72 Nhar is-27.04.2026 irċivejna tfakkira illi id-data tal-għeluq għall-applikazzjoni tal-iskema SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament Lokalitajiet aktar nodfa hija il-Ġimgħa 08.05.2026.

61.04.73 Nhar is-27.04.2026 irċivejna minn Wasteserv il-lista t'avvizi ta' twissija li nħarġu lill-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart.

61.04.74 Nhar is-27.04.2026 irċivejna talba għall-kollaborazzjoni min-Neptunes WPSC.

**61.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet**

Il-viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M.Schembri talab sabiex ir-Reġjun jassisti finanzjarjament il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-leġenda tal-Maqluba.
Il-President talab sabiex jinġiebu kwotazzjonijiet ta' kemm ser tiġi tiswa din il-publikazzjoni u qal li ser jkun qed jipproponieh għall-approvazzjoni mill-budget tas-sena 2027.

**61.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

61.01.01 Kwotazzjoni RFQ253/2026 – Request For Quotation for the Service of Health and Safety Risk Assessments

61.01.02 Kwotazzjoni RFQ254/2026- Request For Quotation for Promotional T-Shirt Printing

61.01.03 Kwotazzjoni RFQ255/2026 – Request For Quotation for Videography

61.01.04 Kwotazzjoni RFQ256/2026 – Request For Quotation for Photography Service

61.01.05 Kwotazzjoni RFQ257/2026- Request For Quotation for Lanyards

**61.07 Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2026.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.08 Rapporti tal-Maniġers**

**61.08.01 Rapport tal-Maniġer tal-Iskart**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-iskart għal perjodu Jannar sa Marzu 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.08.02 Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Ambjent għal perjodu Jannar sa Marzu 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.08.03 Rapport tal-Maniġer tal-Proġetti**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Proġetti għal perjodu Jannar sa Marzu 2026.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.08.04 Rapport tal-Maniġer tal-IT**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-IT għal perjodu Jannar sa Marzu 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.08.05 Rapport tal-Maniġer tal-Kultura**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Kultura għal perjodu Jannar sa Marzu 2026.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M.Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.08.06 Rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej għal perjodu Jannar sa Marzu 2026.

Sekondant: Is-Sindku Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.09 Approvazzjoni ta' Xiri**

**61.09.01** Kwotazzjoni RFQ253/2026 – Request For Quotation for the Service of Health and Safety Risk Assessment

Il-President informa li ntbagħtu erba' (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna erba' (4) offerti. Il-President ~~informa~~ ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u s-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.09.02** Kwotazzjoni RFQ254/2026 – Request For Quotation for Promotional T-Shirt Printing

Il-President informa li ntbagħtu ħames (5) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.09.03** Kwotazzjoni RFQ255/2026 – Request For Quotation for Videography

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna offerta waħda (1) biss. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l- offerta.

Sekondant: Il-Viċi Sindku tal-Mdina is-Sur Joseph DeBono
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.09.04** Kwotazzjoni RFQ256/2026 – Request For Quotation for Photography service

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna offerta waħda (1) biss. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.09.05** Kwotazzjoni RFQ257/2026 – Request For Quotation for Lanyards

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l- offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**61.10 Skeda tal-Pagamenti Nu.61**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 61.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**61.11 Ktieb dwar ir-rotot tal-linja l-antiki**

Il-President ippropona u ta spjega tal-kuntratt bejn is-Sur Richard Stedall li ser jkun l-awtur tal-ktieb dwar ir-rotot tal-linja l-antiki u ressqu għall-approvazzjoni.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**61.12 Sena Kulturali Programm inizjali**

Il-President wara spjega mill-Maniġer tal-Kultura ippropona l-ewwel draft budget tal-programm għas-sena tal-Kapitali tal-Kultura 2027

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 61.13 Materji Oħra

### 61.13.01 Ingaġġ ta' Cultural Programme & Communications Coordinator

Il-President ppropona li jibda id-diskussjoni mad-DLG sabiex minflok jiġi ingaġġat Direttur Artistiku, tkun ingaġġata persuna bħala Koordinatur Komunikattiv u Kulturali li jkun ta' sapport għal Maniġer tal-Kultura fil-perjodu li r-Reġjun Punent jkun ir-Reġjun tal-Kultura 2027.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

### 61.13.02 Logo tal-Kapitali tal-Kultura 2027

Il-President ippropona li tinħareġ sejħa pubblika għal artist sabiex jiddisjinja il-logo tar-Reġjun tal-Kultura 2027. Dan se jiġi magħżul minn bord appuntat. Kien proponut rigal ta Eur1,000.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

## 61.14 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fit-20:00 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis **21 ta' Mejju 2026 fil-17:00.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum